# L-Assedju l-Kbir

***Kitba tal-Kavallier Frank Borda Vassallo***

Kif wieħed jistenna telfa bħal din li semmejna l-aħħar ta' l-Insara swiet mhux ftit biex qawwiet il-qalb tal-Misilmin, iżda min-naħa l-oħra l-Kavallieri ta' l-Ordni ma kinux sejrin jieqfu minn dik il-gwerra, baqgħu sejrin kif kienu jagħmlu qabel- iħarbtu l-Misilmin kull fejn jiltaqgħu magħhom.

Dik l-imġieba tal-Kavallieri ma kinitx tista' tinżillu lil Sulejman, sultan tat-Torok, imma mbagħad meta waslitlu l-aħbar illi f' Ruma qabdu u ħadu taħt idejhom galjun mgħobbi bi ħwejjeg ta' l-akbar fergħa għan-nisa tal-Ħarem tiegħu, din weħlitlu għal kollox u ried jaqtagħha darba għal dejjem ħalli jkeċċi 'l barra l-Kavallieri minn Malta.

Tant is-Sultan Tork kemm ukoll il-ġenerali tiegħu kienu mdorrijin jagħmlu kont qabel kemm tiswielhom gwerra u huma kienu jafu li ħerba bħal dik li riedu jagħmlu mill-Ordni ma setgħetx issir mingħajr taqtiegħa qawwija u għalhekk bdew ilestu armata tal-biża' għaliha.

Kavallieri u Maltin, kbar u żgħar, kulħadd beda jaħdem għad-difiżi ta' din il-fortizza tal-Kristjaneżmu. Missirijietna, li kienu jgergru li se toħroġ ruħhom meta jagħmlulhom xi taxxi ġodda, issa li kienu jaf x'ġej, qagħdu għalihom bil-qalb it-tajba kollha. Sa mill-1563 niltaqgħu mal-Gran Mastru La Vallette iġiegħel li ssir laqgħa tal-Kunsill ta' l-Università biex bil-flus li jinġabru jsewwu l-fortifikazzjonijiet tal-gżira. U hawn hu li niltaqgħu ma' dawn l-uffiċċjali ta' Birkirkara- Taxxaturi Wenzu Grabbara u Pietru Mamo, kollettur Ġiljan Cassar u l-kapijiet Ġużepp Feliċi u Wenzu Vassallo. Fis-26 t' April 1565 saret laqgħa oħra biex jiġbru flus għall-fortifikazzjonijiet u nerġgħu niltaqgħu ma' Ġużepp Felice, Mattew u Wenzu Vella bħala l-kontistabblijiet ta' Birkirkara.

Dik il-ħabta r-ragħaj ta' l-erwieħ ta' Birkirkara, il-Kappillan Dun Ġużepp Bellia, ma kienx hawn billli kien ma' l-Isqof u floku kien jagħmel Dun Anton Micallef. Dan fil-15 ta' Mejju 1565 għammed tarbija fil-knisja tar-raħal, iżda dik kellha tkun l-aħħar waħda għal żmien ta' qisu erba' xhur wara, għaliex kif kiteb l-imsemmi Dun Anton- imbagħad ġiet l-Armata.



## 18 ta' Mejju 1565

L-Armata tat-Torok dehret fit-18 ta' Mejju 1565. Kien il-Ġimgħa u dakinhar in-nies ta' din il-gżira talbu b'qalb waħda lis-Salvatur biex jifdihom minn dawk l-għedewwa li kienu resqin.

Il-ġlied kellu jkun mill-forti Sant'Iermu, mill-Kastell Sant' Anġlu fil-

Birgu, mill-Forti San Mikiel fl-Isla, l-Imdina u l-Kastell t'Għawdex. Is- suldati Karkarizi ġew maqgħudin ma' dawk ta' Ħal Qormi taħt kaptan wieħed, il-Kavallier Fra Bannard Blane, imsejjaħ Vaillosin Rovevgesco u ż-żewġ Karkarizi ta' dawn l-irħula kellhom flimkien 680 raġel fuq l-armi. Sadanittant, l-armata ta' l-għadu li kienet magħmula minn 180 biċċa tal-baħar kienet għadha ddur ma' Malta biex tara fejn sejra tixħet l-ankri. Din l-armata kellha 39,000 ruħ, taħt il-ġeneral il-Baxa Mustafa u l-Ammirall il-Baxa Piali u 'l quddiem kellu jiġi l-famuż Dragut b'ħafna nies minn Tripli.

Il-bċejjeċ ta' l-artillerija ta' l-għadu venvnu xi balal fuq il-Birgu u l-imsejkna Maltin li ma kinux ta' l-armi u li kienu magħluqin hemm ġew meta raw id-djar jitfarrku u xi nies jibqgħu mejta, ntlew bil-biża u bdew ifittxu li jeħilsu mit-tiġrif f'imħażen fondi u moħbijin. Meta ra dan, La Vallette seta' jaħseb kif kienu sejrin jitwerwru n-nies li ma kinux ta' l-armi li kien hemm f'Sant' Iermu meta jinfetħu l-bokok ta' l-artillerija ta' l-għadu għalhekk ħaseb li jkun aħjar li dawk il-ħafna rġiel xjuħ, nisa u tfal minn Birkirkara, Ħal-Lija u Ħal Qormi li kienu nġabru f'dik il-fortizza jibda jġibhom kollha lejn il-Birgu u l-Isla. Dan kien fil-25 ta' Mejju u nafu li wara l-Karkariżi mal-Viċi Parrokku tagħhom baqgħu miġburin fil-Birgu.

Bdiet nieżla xita ta' balal fuq il-Forti Sant' Iermu u l-għedewwa bdew jagħtu salt wara l-ieħor għal fuqu. Kavallieri u suldati wrew għeġubijiet ta' kuraġġ, iżda x'setgħu jagħmlu mal-kotra bla tarf ta' suldati li kellu l-għadu. Il-ħitan ta' dik il-fortizza tkissru. L-insara mħarbta u mejta ma kienx fadal ħlief l-aħħar ftit li ma l-attakk tal-biża' li taw il-Misilmin fit-23 ta' Ġunju, il-kumpanija ta' Birkirkara taħt il-Kaptan Fra Bannard Blane u l-kumpaniji l-oħra ta' Santa Katarina ta' Bir Miftuħ u taż-Żurrieq telqu mill-Imdina biex kif ġiegħel il-Gran Mastru, imorru fil-Birgu.

L-għedewwa issa kienu qegħdin ilestu l-bċejjeċ ta' l-artillerija tagħhom għal madwar l-Isla u l-Birgu, fil-waqt li biċċiet minnhom ġew f'Birkirkara u l-irħula tal-qrib jaqtgħu siġar taż-żebbuġ, tat-tin u tal-ħarrub li kienu jinħtieġu għall-artillerijja. Mill-erbgħa kumpaniji li għedna li ġew mill-Imdina, waħda kellha tmur tiddefendi l-Isla u t-tlieta l-oħra kellhom jibqgħu għall-Birgu. Il-Karkariżi messhom dan il-post ta' l-aħħar u ma damux ma kienu fuq il-kwartieri li kellhom jiddefendu mill-attakki ta' l-għadu. Imma għalfejn noqogħdu niffittaw fuq l-irqaqat fejn kellhom jiġġieldu l-Karkariżi.

## *It-18 t'Awwissu*

Kemm il-Birgu u kemm l-Isla ma kellhom l-ebda ħajt ta' kenn. Kullimkien kien infern wieħed bin-nirien li bdew jitfgħu l-Misilmin. Attakk wara l-ieħor u tat-tieni aqwa minn ta' l-ewwel u t-tidrib, tiċrit u ċarċir ta' demm dejjem fuq din il-Golgota tal-Mediterran. Hekk għadda Lulju u nofs Awwissu, meta wasal it-18 t' Awwissu il-festa ta' Santa Liena, jum għażiż għall-Insara kollha, iżda aktar u aktar għall-Karkariżi, billi dik il-qaddisa kienet it-titular qadim u baqgħet Patruna tal-parroċċa tagħhom, għalhekk jixraq inħossu bħal Karkariżi li kienu f'dak l-assedju kbir u nagħtu tifsira lil ġrajja ta' dak il-jum, għaliex tassew illi dik l-Imperatriċi Qaddisa li sabet is-salib fil-festa tagħha ta' l-1565 għamlet għaġeb kbir ieħor billi waqqfitu (is-Salib) fuq is-swar ta' Malta bħala balward qawwi tal-Kristjaneżmu ta' l-Ewropa, kif wieħed jista' jara minn dak li ser ingħidu fil-qosor.

Dakinhar iż-żewġ Baxiet kienu miftehmin li jagħtu salt qawwi ma' kullimkien. Mustafà kellu jagħti s-salt lill-Isla u Piali lill-Birgu. Is-swar tal-Birgu kienu ħadu fuq qaddishom sewwa

iżda kien hemm biċċa li qegħda tħares lejn l-għolja tas-Salvatur u msejħa l-Posta ta' Kastilja li rat fuqha iktar minn postijiet oħra tant illi La Vallette kien ra li kienet waslet fi truf ta' l-akbar twiegħir u ġiegħel li kulħadd imidd idejh biex tissewwa u li joqgħodu warajha ħafna nies fuq l-armi.

Hawn l-inġinjieri Torok kienu ħaffru bil-moħbi ta' l-Insara mina li kienet taħt nofs is-sur imsejjaħ l-Ixbran ta' l-Istandard ta' Kastilja u minn din il-mina Pjali' ried dakinhar itajjar dak is-sur kollu u bit-tiġrif u t-taħwid li jinqala fost l-Assedjati jieħu l-Birgu qabel sieħbu Mustafa jaħtaf l-Isla b'hekk ikun jista' jiftaħar li hu l-ewwel li għamel rebħa.

Mustafa, bi 3000 suldat kien lest madwar l-Isla filwaqt li Pjali' għażel li l-aħjar 4000 Tork li kellu u bil-bandiera rjali mibruma biex tibqa' moħbija sa ma jsir il-ħin kien lest taħt il-ponta ta' Kastilja. Sadanittant l-inġinjieri kienu qegħdin ilestu l-mina biex jagħtuha n-nar, u l-iskwadri mill-għoljiet qegħdin lesti wkoll. Fl-istess ħin Pjali' ħaseb illi numru sewwa minn-nies ta' ġol Birgu jkunu mibgħutin biex jgħinu lil ħuthom ta' ġewwa l-Isla.

Sar il-ħin u bdiet it-taqtigħa. L-Insara ta' l-Isla li bi qlub ifrem kienu qed jiġġieldu mis-swar li kienu jiġġieldu fuqhom laqgħu l-egħdewwa bl-aħrax. Bdew jixħtu fuqhom in-nar u xita ta' ħaġar tant illi ħafna mit-Torok inqabdulhom ħwejjiġhom u kellhom jinxteħtu l-baħar biex jintfew.

Fis-6 ta' Settembru waslet biċċa mill-wisq mistennija għajnuna mingħand il-Viċi Re ta' Sqallija Don Garcia Toledo.

Fit-8 ta' Settembru instemgħet tidwi ma kullimkien fejn kienu tagħna- L-Għajta tar-Rebħa.

Malli t-Torok imbarkaw, Mustafà sema' li l-għajnuna li kienet waslet lil-Insara ma kinitx hekk kbira kif kienu qalulu u għalhekk reġa ġiegħel lis-suldati jinżlu l-art.

Madwar 10,000 Misilmin b'Mustafa quddiem niżlu ħdejn l-Imsida u baqgħu telgħin lejn Birkirkara u qabbdu lill-Irħula ta' Birkirkara, Ħal Balzan, Ħ'Attard u Ħal Lija.

Fil-15 ta' Settembru l-armata Torka telliefa refgħet l-ankri minn San Pawl il-Baħar u ġibdet lejn il-Lvant.

Barra mill-ħsarat li semmejna li ra dan ir-raħal matul dan l-assedju kbir kellu wkoll it-telfa ta' ħafna mill-ulied qalbiena li ma ħuthom l-oħra ħallew ħajjithom għal Fidi u għall-art twelidhom u meta naqraw li fuq id-9000 nisrani nqerdu f'din il-gwerra, għandna wkoll niftakru li f'dak il-għadd jinsabu wkoll martri minn din il-Parroċċa.

Kav. Frank Borda Vassallo

Cherry Berry Self Service

Triq il-Ħuttaf, Mosta MST02
Tel: 2141 3325

***Opening Hours:***
Monday - Friday 5.30am to 12.00pm, 4.00pm to 7.00pm
Saturday: 5.30am to 12.00pm